V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9490 — VWFS/TÜV SÜD AS/FC/CarMob)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 300/08)

1. Fid-29 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Volkswagen Financial Services AG ("VWFS", il-Ġermanja), ikkontrollata mill-Volkswagen AG ("Volkswagen", il-Ġermanja),

— TÜV SÜD Auto Service GmbH ("TÜV SÜD AS", il-Ġermanja), ikkontrollata mit-TÜV SÜD AG (il-Ġermanja),

— FleetCompany GmbH ("FC", il-Ġermanja), ikkontrollata mit-TÜV SÜD AS,

— Carmobility GmbH ("CarMob", il-Ġermanja), ikkontrollata mill-VWFS.

VWFS u TÜV SÜD AS jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' FC u CarMob kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— VWFS: hija sussidjarja diretta proprjetà kollha kemm tal-Volkswagen u toffri lill-bejjiegħa tal-karozzi u lill-konsumaturi, finanzjament, kiri, negozju bankarju u tal-assigurazzjoni, u soluzzjonijiet ta' mobilità. Hija tipprovdi soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-flotta tal-karozzi esklussivament permezz tas-sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm tagħha, il-Carmobility GmbH.

— TÜV SÜD AS: hija fornitur ta' servizzi tekniċi, b'mod partikolari ta' servizzi ta' spezzjonijiet u ċertifikazzjoni ta' prodotti.

— FC: hija fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni ta' flotta ta' karozzi ta' kwalunkwe ditta lil klijenti kummerċjali u hija attiva f'aktar minn 50 pajjiż.

— CarMob: hija fornitur ta' servizzi ta' ġestjoni tal-flotta ta' karozzi ta' kwalunkwe ditta lil klijenti kummerċjali biss fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 2, 14.12.2013, p. 2.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9490 — VWFS/TÜV SÜD AS/FC/CarMob

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË